***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016.**

**Kawza Nru: 32**
**Rikors Numru: 389/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 389/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**John Gafa (ID 715762M)**
**Joyce Gafa (ID 503262M)**

**vs**

**Aaron Borg (K.I. 403378M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentata mir-rikorrenti John Gafa (I.D.715762M) u Joyce Gafa (I.D.503262M) datata l-10 ta' Marzu 2016

Rat id-digriet tal-10 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-17 ta' Marzu 2016; irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju utlerjuri, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Aaron Borg (I.D. 403378(M)) datata 17 ta' Marzu 2016 a fol 16 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-16 ta' Marzu 2016 fejn

Meta ssejhet il-kawza deher Dr Franco Galea ghar-rikorrent prezenti u Dr Graziella Bezzina ghall-intimat prezenti.

Xehed bil-gurament tieghu il-Perit Joseph Saliba, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

Il-Qorti fuq talba tar-rikorrent qed tinnomina lil Perit Tekniku Mario Cassar a spejjez provizorji tar-rikorrent, biex jaccedi fuq il-post u jirrelata dwar:

1. Jekk ix-xoghlijiet ta' skavar u tqattiegh mal-hajt divizorju bejn il-kontendenti tlesta u jekk ghadx fadal isiru xoghlijiet entro d-distanza legali mal-hajt divizorju, u cioe` thammil;

2. Jekk ix-xoghlijiet li ser isiru mal-hajt divizorju konsistenti f'li tittella' qoxra jistghu jkunu ta' hsara lil proprjeta` tar-rikorrenti, u jaghmel rakkomandazzjonijiet biex jigu ndirizzati dawn il-lanjanzi.

Il-Perit Cassar prezenti ha konjizzjoni tan-nomina u gie ffissat access ghall-Gimgha 18 ta' Marzu 2016 fit-3:00p.m.

Ir-rikors qed jigi differit ghall-prezentata tar-rapport ghat-22 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru l-partijiet assistiti. Deher il-PT Mario Cassar li prezenta u halef ir-rapport. Xehed in eskussjoni bil-gurament tieghu il-PT Mario Cassar liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

Wara li rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat ir-rapport tal-PT Mario Cassar, u semghet lil istess Perit in eskussjoni illum stess, u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Taddotta r-rakkommandazzjonijiet tal-Perit tekniku u taghmilhom taghha ghall-fini ta' dan il-mandat.

Ikkonsidrat li skont l-istess rapport ix-xoghlijiet ta' skavar u tqattiegh mal-hajt tal-appogg gja tlestew u ghalhekk ghad ma hemmx lok ghall-mandat odjern.

Ikkonsidrat ukoll li l-istess perit ikkonstata li l-mod kif qed jappogga l-intimat mal-hajt divizorju mhux ser jaghmel hsara lill-istess proprjeta` tar-rikorrent.

Illi fic-cirkostanzi r-rikorrenti ma irnexxielhomx jippruvaw li jissussitu l-elementi ta' jedd *prima facie* u tal-htiega tat-talba taghhom, liema elementi huma rikjesti kumulativament skont il-Ligi.

## II. KONKLUZJONI

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet taghha tal-10 ta' Marzu 2016 u tichad it-talba.

L-ispejjez jigu ssopportati mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**